MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 13/2006

**Anthony Pullicino**

**vs**

**Devlands Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Lulju 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fl-24 ta' Frar 2006 mill-Avv Norma Vella biex tigi pprocessata skond l-Att XXII ta' l-2002 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant is-Sur Anthony Pullicino kien assistit mill-Avukatessa Dr Norma Vella LL.D. waqt li s-Socjeta' appellata Devlands Limited kienet rapprezentata mis-Sur Martin Deguara, Direttur assistit mill-Avukat Dr. George J. Cutajar LL.D.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

2. Dokumenti.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gie esebit u pprezentat dokument wiehed relatat mal-kaz.

3. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-proceduri taw l-evidenza taghhom is-segwenti persuni:

Kevin Muscat - Financial Controller
Emanuel Micallef - Wiehed mid-diretturi
Anthony Pullicino - l-appellant

Anthony Pullicino ta’ sitta u hamsin sena impjegat bhala Mechanic mal-kumpanija Devlands Ltd, b’salarju ta’ Lm100 fil-gimgha jghid li safa mkecci ingustament fl-10 ta’ Jannar 2006; hu kien gie impjegat fid-29 ta’ Gunju 2004 fuq *indefinite contract.*

4. L-Istorja

L-appellant jghid li kellu argument mad-Direttur Emmanuel Micallef dwar pompa fuq vettura. Jallega li d-Direttur kellmu b’suppervja u keccieh meta qallu “dabbar rasek”. Irretena li meta qallu hekk kien fil-fatt keccieh mill-impieg.

5. Sottomissjonijiet

Il-kumpanija innegat li kienet kecciet lil Pullicino, tanto vero li sa mill-ewwel seduta ddikjarat li seta’ jmur lura fuq xoghlu bl-istess salarju u kondizzjonijiet. L-appellant irretena li meta Micallef qallu dak id-diskors kien fil-fatt qieghed jitterminalu l-impieg anke jekk meta qallu hekk kienet ghall-gurnata wahda.

6. Kunsiderazzjonijiet

Fix-xhieda tieghu Emmanuel Micallef sostna illi hu qatt ma kien kecca lill-appellant u dan ikkonfermah Kevin Muscat l-iskrivan li kellem lid-Direttur Micallef fuq it-telefon meta l-appellant wara xi granet mar l-ufficcju tal-kumpanija biex jithallas u jimla l-formola ta' l-ETC dwar terminazzjoni ta' l-impieg. Jidher izda li fuq l-insistenza ta' l-appellant l-iskrivan fuq il-formula ta' l-ETC nizzillu "Dismissed". Muscat ifferma l-formula ghax kien awtorizzat li jghamel dan ix-xoghol.

Pullicino jirreteni li jekk id-Direttur kien keccieh ghall-gurnata biss, din xorta kienet tkeccija ingusta. Ghalhekk ma kienx lest jaccetta offerta li jmur lura ghax-xoghol li kellu.

It-Tribunal irid jirrimarka li jsiba stramba li direzzjoni tax-xoghol lill-impjegat bhal f'dan il-kaz tigi mghotija minn impjegat iehor u kien biss l-ghada li d-Direttur mar jara xi progress sar. It-Tribunal jifhem li l-appellant seta' kellu jew ma kellux ragun jibdel il-pompa, izda din kienet il-kawza li wasslet lid-Direttur juri li ma kienx sodisfatt bil-progress li wasslet ghall-argument bejnu u l-appellant, bir-rizultat li d-Direttur qal lill-appellant "Dabbar rasek". Jidher li d-diskursata bejn il-tnejn kienet imqanqla, bl-appellant jallega li d-direttur kien supperv mieghu. Jidher ukoll mill-istess xhieda ta' l-appellant li seta' kien influwenzat mill-ingaggar ta' Mechanic Yugoslav mal-kumpanija. Izda l-istess appellant iddikjara li d-Direttur ma qallux li ma kienx sodisfatt minn xoghlu. It-Tribunal isiba difficli li jinterpreta il-frazi "Dabbar rasek" ma' t-tkeccija mill-impieg u wisq jibza' li l-appellant ta lill-frazi l-interpretazzjoni estrema ta' terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal sema' lill-appellant isostni din it-tezi, izda sema' wkoll id-Direttur jinnega li kien keccieh mix-xoghol. It-Tribunal sema' wkoll il-verzjoni ta' l-iskrivan Kevin Muscat jikkonferma fix-xhieda tieghu li d-Direttur Emmanuel Micallef kien qallu li hu ma kienx kecca lil Pullicino u

kienet biss l-insistenza ta’ dan li gaghlu jikteb fit-termination form ir-raguni “Dismissed”.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jifhem li l-verzjoni tad-Direttur u Muscat hija aktar kredibbli u wisq jibza’ li l-konkluzzjoni u l-interpretazzjoni ta’ l-appellant kienet zbaljata.

Decizjoni

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal irid l-ewwel jiddeciedi jekk kienx hawn tkeccija u jekk hu hekk jekk din kinitx gusta jew le.

Jidher ghalhekk li fil-fehma meqjusa tieghu t-Tribunal isib li ma kienx hemm tkeccija mill-kumpanija Devlands izda terminazzjoni “self inflicted” mill-appellant. Ghal ragunijiet prattici kif spjegati f’dawn il-kunsiderazzjonijiet l-attitudni ta’ l-appellant ma tistax titqies bhala rizenja.

Huma kif inhuma c-cirkostanzi it-Tribunal ma jistax jghati decizjoni izda jesprimi l-fehma tieghu li l-ahjar soluzzjoni hi dik li l-appellant Anthony Pullicino jaccetta l-offerta tal-kumpanija li jirritorna ghax-xoghol ma’ Devlands Ltd bl-istess salarju u kundizzjonijiet li kellu qabel dan il-kaz.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghall-finijiet ta’ doveri li jithallsu t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta’ Erbghin Lira (Lm40) Maltin lill-persuni li assistew lill-partijiet.”

Bl-appell tieghu fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza r-rikorrenti jressaq numru ta’ aggravji li sintetikament jikkonsistu fis-segwenti:-

(1) It-Tribunal applika l-kuncett ta’ “*self-inflicted termination*” li hu aljen ghal-ligi taghna;

(2) It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja meta injora totalment il-kontradizzjonijiet fix-xhieda prodotta mis-socjeta` intimata;

(3) Id-decizjoni tikkontjeni bosta skorrettezzi;

(4) Kien hemm tkeccija ingusta ai termini tal-Kapitolu 452;

(5) It-Tribunal injora ghal kollox il-ksur tar-rapport fiducjarju;

(6) It-Tribunal kellu jaghti decizjoni dwar jekk kienx hemm tkeccija ingusta jew le u mhux jiddeciedi li ma jistax jaghti decizjoni;

(7) It-Tribunal ma setax jordna r-ri-impjieg meta dan ma ntalabx minnu;

Is-socjeta` intimata ma introduciet ebda twegiba ghal dawn l-aggravji u, allura jispetta lil din il-Qorti li tezamina u tiddeciedi jekk dawn, jew xi wiehed minnhom, humiex fondati. In partikulari, li tara jekk dawn imissux dak il-"punt ta' ligi" li jippreskrivi l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att XXII ta' l-2002 ghall-aditu ta' l-appell quddiemha. Dan ghaliex, kif inhu risaput, "din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt izda d-dover li tiddikjara *ex officio* l-inappellabilita` tad-decizjoni meta jkun il-kaz" (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 400**);

Jidher minn stharrig ta' l-atti processwali illi l-indagini tat-Tribunal kienet tirrivolvi dwar il-punt jekk, mill-fatti akkwiziti, il-materja kienetx titratta minn licenzjament ta' l-appellanti jew mid-dimissjoni tieghu. Tali indagini kienet timporta li jigi interpretat certu diskors li jinghad li ntqal minn wiehed mid-diretturi tal-kumpanija appellata f' incident partikolari;

Kif inhu bil-wisq logiku, indagini bhal din da parti tat-Tribunal kellha tkun wahda partikolarment akkurata u rigoruza in kwantu si trattava li jigi stabbilit s-sinjifikat tal-kliem espress da parti ta' min ihaddem. Dan minhabba l-gravita tal-konsegwenzi ta' dak l-accertament in relazzjoni ghall-effetti guridici li jiskattaw minnhom u, b' mod specjali, ghall-influwenza taghhom fuq dak id-dritt ta' l-impjegat li, skond l-Att imsemmi, jifforma oggett ta' tutela. Apparti din l-interpretazzjoni, it-tribunal kellu jivverifika minn valutazzjoni tal-komportament tal-partijiet jekk kienetx tezisti, b' mod manifest u univoku, l-intenzjoni vera

tat-tkeccija jew, minn naha l-ohra, dik il-volonta` fl-appellanti li jgib fit-tmien ir-rapport tax-xoghol;

Minn dak ikkonstatat minn din il-Qorti jidher li fil-kaz prezenti t-Tribunal sab ruhu f' dilemma. Dan issuccieda ghaliex mill-ezami tieghu tax-xhidiet u ta' l-imgieba tal-partijiet ma rrizultalux li giet esternata b' mod car l-intenzjoni tal-licenzjament jew il-volonta` tar-rizenja. Invece, huwa deherlu li l-appellant immizinterpreta l-kliem li ntqalu lilu, jew tahom tifsira mill-aktar estrema bhala li kienu jammontaw ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu. Hu f' dan is-sens li t-Tribunal uza l-frazi "*self-inflicted*", u mhux bhala xi kuncett dottrinali, kif hekk qed jigi suggerit mill-appellanti bl-ewwel aggravju tieghu;

Dan premess, huwa indisputat bhala punt ta' dritt illi l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali jiddixxplina kemm it-tkeccija, kif ukoll ir-rizenja, mill-impjieg. Dan bl-Artikolu 36 (14) tieghu. In effetti hi regola generali kostitwita bl-Att illi l-partijiet kontraenti f' kuntratt ta' mpjieg ghandhom il-liberta` ta' recess mir-rapport tax-xoghol. Dan anke minghajr obbligu ta' preavvizi jew ta' hlas fil-kaz li tkun tezisti "raguni tajba u bizzejjed". Hu ritenut mill-gurisprudenza illi l-kuncett ta' kawza gusta ghar-rizoluzzjoni tar-rapport tax-xoghol hu ravvizat f' dawk il-fatti u komportamenti li jwasslu ghat-telf ta' fiducja in kwantu din tikkostitwixxi l-presuppost essenzjali ta' rapport bhal dan. Il-kawza gusta trid allura tirrivesti l-karattru ta' nuqqasijiet gravi f' dan l-istess rapport. Il-valutazzjoni dwarha trid tigi operata b' riferiment ghall-aspetti konkreti tal-kaz, il-portata soggettiva u oggettiva tal-fatt innifsu, il-motiv ta' l-element intenzjonali u kull aspett iehor korrelatat ma' l-elementi tar-rapport;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu l-accertament tar-rikorrenza ta' fatt dedott fil-gudizzju hu mqieghed fuq il-pjan tal-valutazzjoni ta' fatti, u minnha nfisha tali valutazzjoni ma kienet timporta generalment ebda punt ta' ligi. Jikkonsegwi allura illi l-gudizzju hekk maghmul jitqies

incensurabbli minn din il-Qorti, ammenokke ma jkunx muri ghas-sodisfazzjon taghha illi l-aggravji dwaru jkunu msejsa fuq punt bhal dan;

L-appellanti jista' ma jaqbelx mal-gudizzju li sar fil-kaz tieghu mit-Tribunal dwar il-provi u jista' wkoll jikkontendi li s-sentenza mhix nieqsa minn zbalji logici ta' l-aspetti fattwali. Dan pero` ma jakkordalu ebda dritt ta' appell lil din il-Qorti in vista tar-rizerva limitativa ghal "punt ta' ligi" biss. Jigi ghalhekk illi meta d-decizjoni tkun bazata merament fuq apprezzament tal-fatti, kif inhu proprju l-kaz prezenti, dik id-decizjoni hi wahda finali u ma tattirax is-sindakabilita` ta' din il-Qorti. Kif jinsab sew ritenut, meta l-Qorti ma ssibx li jezisti ebda punt ta' ligi ma jkunx hemm lok li jigu ezaminati kwestjonijiet ta' fatt billi fuq apprezzament ta' fatti d-decizjoni tat-Tribunal hi insindakabbli. Jigu hekk ri-ezaminati dawn il-fatti bhala konsegwenza ta' l-ezistenza tal-punt ta' ligi. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 383**. Jigi minn dan illi mhux lecitu li jingiebu quddiem Qorti ta' Appell obbjezzjonijiet taht l-apparenza ta' punt ta' ligi sempliciment biex jirrendu s-sentenza appellabbli. Effettivament, fil-hsieb tal-Qorti huma ta' din il-kwalita` il-maggjor parti ta' l-aggravji sottomessi;

Jista' forsi jigi obbjettat illi certament l-ahhar aggravju jinvolvi punt ta' ligi. Dan sa certu punt huwa veru in kwantu ghal skop ta' rientegrazzjoni kellha tezisti talba *ad hoc* mill-impjegat. B' danakollu, l-appellanti donnu jinsa illi r-rientegrazzjoni fl-impjieg jipresupponi illi t-Tribunal ikun sab li l-ilment ta' tkeccija minghajr kawza gusta jkun hekk fondat skond it-termini ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att. F' dan il-kaz tali ilment instab li ma kienx hekk gustifikat u, fil-verita`, it-Tribunal ma impona ebda ordni ta' ri-inseriment fl-impjieg. Huwa sempliciment illimita ruhu biex jirrakkomanda lill-appellant illi in bazi ghac-cirkostanzi u l-fatti dedotti dan ghandu jikkonsidra, bhala l-ahjar soluzzjoni ghalih, l-offerta tal-kumpanija appellata, sostenuta anke fil-proceduri, illi jirritorna lura ghall-impjieg li kellu, bl-istess salarju u taht l-istess kondizzjonijiet. Taht

dan il-profil id-decizjoni ma tistax titqies vizzjata b' ultrapetizzjoni;

In bazi ghal konsiderazzjonijiet hawn zvolti d-decizjoni tat-Tribunal ma tistax titqies censurabbli u dan iwassal biex, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tirrespingi l-aggravji kollha lilha devoluti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------